Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Ġunju 2024**
**(OR. fr)**

**10688/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0133(NLE)**

**PECHE 220**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Ġunju 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 236 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 236 final.

Mehmuż: COM(2024) 236 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2024
COM(2024) 236 final

2024/0133 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde**

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-ftehim ta’ sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta’ Cabo Verde ġie ffirmat fit-12 ta’ Frar 2007 u daħal fis-seħħ fit-30 ta’ Marzu 2007 għal 5 snin. Il-ftehim jiġġedded b’mod taċitu u għalhekk jibqa’ fis-seħħ. Il-Protokoll preċedenti għall-implimentazzjoni tal-FPA, ta’ perjodu ta’ 5 snin, beda japplika fl-20 ta’ Mejju 2019 u skada fid-19 ta’ Mejju 2024.

Fid-19 ta’ Diċembru 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Protokoll ġdid (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll il-ġdid”) għall-FPA.

Abbażi tad-Direttivi tan-negozjati rilevanti[1], il-Kummissjoni nnegozjat ma’ Cabo Verde bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid għall-implimentazzjoni ta’ FPA bejn il-Komunità Ewropea u Cabo Verde. L-objettiv huwa li l-bastimenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jidħlu fiż-żona tas-sajd ta’ Cabo Verde u jistadu għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati miegħu, f’konformità mal-miżuri adottati mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). B’riżultat ta’ dawn in-negozjati, fil-15 ta’ April 2024 ġie inizjalat it-test ġdid tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni.

Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta’ 5 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja stabbilita fl-Artikolu 17.

Il-Protokoll il-ġdid għandu l-għan li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd fl-ilmijiet ta’ Cabo Verde, skont il-parir xjentifiku u r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Objettiv addizzjonali huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u Cabo Verde, u b’hekk jiġi implimentat il-qafas ta’ sħubija tal-FPA li fih tiġi żviluppata politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament tajjeb tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta’ Cabo Verde, fl-interessi taż-żewġ partijiet.

Permezz tal-Protokoll il-ġdid il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jistadu fl-ilmijiet ta’ Cabo Verde għat-tonn u l-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

– 24 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun;
– 22 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ;
– 10 bastimenti bil-qasab u x-xlief;

kif ukoll bastimenti ta’ appoġġ skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT.

Din il-proposta għandha l-għan li tawtorizza l-konklużjoni tal-Protokoll ta’ implimentazzjoni tal-FPA.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat

L-objettiv ewlieni tal-Protokoll il-ġdid tal-FPA huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-politika komuni tas-sajd (PKS) riformata u d-dimensjoni esterna tagħha. Dan

[1] ref. 15485/23 + ADD 1, approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.12.2023; https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-16673-2023-INIT/mt/pdf

jikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni u għat-tisħiħ tas-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u Cabo Verde.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati fl-ilmijiet ta' Cabo Verde. Huwa bbażat fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-ICCAT, li hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li tiġġestixxi l-istokkijiet tal-ħut migratorju. Il-miżuri ta' ġestjoni adottati mill-ICCAT huma inklużi wkoll fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-PKS applikabbli għaż-żona tal-ICCAT, b'mod partikolari dawk tar-regolament annwali li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd[2].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' protokoll ġdid għall-FPA huwa parti mill-azzjoni esterna tal-Unjoni lejn il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u jqis, b'mod partikolari, l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

In-negozjati għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid għall-FPA huma koerenti fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-iżvilupp tas-settur tas-sajd u fil-kummerċ tal-prodotti tiegħu. Cabo Verde jibbenefika minn skema ta' "deroga temporanja"[3] mir-regoli dwar l-oriġini preferenzjali għal volumi limitati ta' flettijiet tat-tonn ippreparat jew ippreservat, u ta' flettijiet tal-kavall u taż-żgammiru ppreparati jew ippreservati ta' oriġini mhux tal-UE. B'din id-deroga, dawn il-prodotti ta' oriġini mhux mill-UE u mhux minn Cabo Verde pproċessati f'Cabo Verde huma ta' oriġini "Cabo Verde" u mbagħad jistgħu jiġu esportati lejn l-UE mingħajr dazji doganali meta jidħlu fis-suq tal-UE (is-sistema SĠP +).

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, kif ukoll l-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tat-TFUE, li jikkonċerna l-konklużjoni tal-ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u l-possibbiltà li n-negozjatur jiġi awtorizzat japprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-ftehim adottati skont proċedura simplifikata jew minn kop maħluq mill-ftehim.

Skont l-Artikolu 17(1) tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tassigura r-rappreżentanza esterna tal-Unjoni. Għaldaqstant, biss il-Kummissjoni għandha l-kompetenza tinnotifika lil Cabo Verde dwar tmiem il-proċess ta' ratifika.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

[2] ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1–219. Ara t-Taqsima 3 u l-Anness ID.

[3] Din id-deroga "temporanja" ilha tiġġedded regolarment mill-2008 — inklużi t-tonn fil-laned, il-flettijiet u tat-tonn mill-2017, sakemm tiġi żviluppata flotta nazzjonali u jiġi ffirmat Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) reġjonali mal-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), li Cabo Verde jagħmel parti minnha.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-objettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-Politika Komuni tas-Sajd. Hija tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2023, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll tal-2019-2024 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' Cabo Verde kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll[4].

L-evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll tal-2015–2018 ikkonkludiet li dan jikkomplementa l-arranġamenti l-oħra ta' aċċess stabbiliti fir-reġjun, li jippermettu lill-bastimenti tal-Unjoni jottimizzaw l-isfruttament tal-istokkijiet tal-ħut migratorju f'konformità mar-regoli reġjonali stabbiliti mill-ICCAT. l-evalwazzjoni turi li s-settur tas-sajd tal-Unjoni għandu interess qawwi fil-possibbiltà li jwettaq l-attività tiegħu f'Cabo Verde u li n-negozjar ta' protokoll ġdid ikun fl-interess taż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, in-negozjati għal Protokoll ġdid se jgħinu biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u biex itejbu l-governanza tal-attivitajiet tas-sajd fir-reġjun.

Għall-Unjoni, huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' dan l-attur ewlieni tal-governanza tal-oċeani fil-livell subreġjonali, minħabba d-daqs taż-żona tas-sajd li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu. Għall-flotta tal-Unjoni, dan ifisser li jinżamm l-aċċess għal żona importanti tas-sajd fejn ikunu jistgħu jintużaw strateġiji ta' qbid skont qafas legali internazzjonali pluriennali. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni favorevoli tal-Port ta' Mindelo (Il-Gżira ta' São Vicente), f'żona sfruttata ħafna, tagħmilha port ta' żbark potenzjalment importanti, li jikkontribwixxi għall-merti tal-protokoll il-ġdid propost, kemm għas-settur tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll għall-pajjiż sieħeb. Għall-awtoritajiet ta' Cabo Verde, l-għan huwa li jinżammu relazzjonijiet mal-Unjoni sabiex tissaħħaħ il-governanza tal-oċeani, li jirċievu appoġġ settorjali speċifiku b'opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali, u li tinbeda l-industrijalizzazzjoni tas-settur tal-ipproċessar tal-pajjiż permezz tal-attività tal-bastimenti, bħala parti mid-diversifikazzjoni tal-ekonomija tiegħu.

Għall-Unjoni, huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' pajjiż li huwa sieħeb ewlieni, li hu fornitur ta' prodotti tas-sajd lill-Unjoni u li hu parti kkonċernata fix-xena internazzjonali, u li għandu żoni tas-sajd li huma ta' interess għall-flotta tal-Unjoni.

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Defaux, V., Cappell, R., Evalwazzjoni retrospettiva u prospettiva tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde — Ir-Rapport Finali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2771/814998

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tas-settur, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll lill-amministrazzjoni tas-sajd u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili f'Cabo Verde. Saru wkoll konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal. Dawn il-konsultazzjonijiet juru li huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea u ta' Cabo Verde li jinżamm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali fil-fond, b'opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali għal Cabo Verde. Għat-tagħmir navali tal-UE, huwa fl-interess tagħhom li jżommu l-aċċess għal żona tas-sajd konsiderevoli, permezz ta' ftehim fis-settur tas-sajd.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni talbet lil konsulent indipendenti iwettaq l-evalwazzjonijiet ex post u ex ante, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Protokoll innegozjat jinkludi klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur ta' elementi essenzjali tad-drittijiet tal-bniedem kif stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim ta' Samoa[5].

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-perjodu kollu tal-Protokoll tammonta għal EUR 3 900 000 (jiġifieri EUR 780 000 fis-sena) abbażi ta':

a) tunnellaġġ ta' referenza ta' 7 000 tunnellata, li għalih ġie stabbilit ammont annwali ta' EUR 350 000 marbut mal-aċċess;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Cabo Verde, li jammonta għal EUR 430 000 fis-sena.

Dan l-appoġġ jilħaq l-objettivi tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, tal-akkwakultura, tal-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u tal-ekonomija blu.

L-ammont annwali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa stabbilit fil-proċedura baġitarja annwali, fosthom għal-linja ta' riżerva għall-protokolli li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena[6].

---

[5] Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2023/2861, 28.12.2023) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN-MT/TXT/?from=EN&uri=CELEX%3A32023D2861

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti għall-monitoraġġ huma previsti mill-FPA u mill-Protokoll il-ġdid.

[6] F'konformità mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji (ĠU L 433I, 22.12.2020)

2024/0133 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew (…)[1]

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' […][2], il-Protokoll (2024-2029) li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") ġie ffirmat fi [...], soġġett li jiġi konkluż f'data iktar tard.

(2) Il-Protokoll għandu l-objettiv li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde u li jippermetti lill-Unjoni u lil Cabo Verde jaħdmu flimkien mill-qrib biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde. Din il-kooperazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti fis-settur tas-sajd.

(3) Jenħtieġ li dan il-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

(4) Sabiex il-Protokoll jista' jidħol fis-seħħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni, bħala r-rappreżentant tal-Unjoni, tipproċedi bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tinnotifika lil Cabo Verde dwar il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll.

(6) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll. Dan il-kumitat għandu s-setgħa li japprova ċerti emendi għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom f'isem l-Unjoni bi proċedura ssimplifikata, b'ċerti kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali.

(7) Jenħtieġ li jkun il-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni meta jiġu proposti l-emendi għall-Protokoll. Jenħtieġ li l-emendi proposti jiġu approvati sakemm minoranza ta' Stati Membri li timblokka ma toġġezzjonax għalihom f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

---

[1] referenza li għandha tinżied

[2] (ĠU L […], […], p. […]).

(8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [*jekk jogħġbok daħħal id-data*],

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") huwa approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness 1.

*Artikolu 2*

Skont id-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll li jadotta l-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[3] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-involviment tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

### *3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

### *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

### *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

08 – Agrikoltura u politika marittima

08.05 – Ftehimiet u sħubijiet dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)

08.05.01 – L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

X **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[10]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

#### *1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPA) ma' pajjiżi terzi jilħqu l-objettiv ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għal żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tiġi żviluppata sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-għan li jissaħħaħ l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.

L-SFPA jiżguraw ukoll il-konsistenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-Politika Komuni tas-Sajd u l-impenji li jsiru f'politiki Ewropej oħrajn bħall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi ta' pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, kif ukoll governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd.

#### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

<u>Objettiv speċifiku Nru 1</u>

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet barra mill-Unjoni Ewropea, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegozjati u konklużi l-SFPA ma' stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

[10] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

### *1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Permezz tal-konklużjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim tkun tista' titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Cabo Verde. Il-konklużjoni tal-Protokoll se toħloq opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde.

Il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz tal-appoġġ finanzjarju (l-appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikulari l-Pjan komprensiv għall-qasam tas-sajd, permezz tal-monitoraġġ u tal-ġlieda kontra s-sajd illegali u permezz tal-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

Fl-aħħar nett, il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu għall-isfruttament sostenibbli minn Cabo Verde tar-riżorsi tal-baħar tiegħu, kif ukoll għall-ekonomija tas-sajd ta' Cabo Verde, billi jippromwovu t-tkabbir marbut mal-attivitajiet ekonomiċi relatati mas-sajd u mal-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

### *1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwali tad-disponibbiltà offruta bil-Protokoll).

Id-*data* dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribut għall-impjiegi u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd u għall-valur miżjud fl-Unjoni u għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-Unjoni (flimkien ma' SFPA oħrajn).

Il-kontribut għat-titjib tar-riċerka, tal-monitoraġġ u tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd min-naħa tal-pajjiż sieħeb u tal-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, l-aktar dak fuq skala żgħira.

## **1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Huwa previst li l-Protokoll ta' Implimentazzjoni l-ġdid se japplikaw fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' interruzzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd minħabba l-iskadenza tal-Protokoll attwali.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde, u se jippermetti lis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd li jippermettulhom jistadu f'din iż-żona. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid se jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u Cabo Verde, bil-ħsieb li jippromwovi l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli fl-aspetti kollha tagħha. B'mod partikolari, dan jipprevedi l-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u l-komunikazzjoni ta' *data* dwar il-qabdiet b'mezzi elettroniċi. L-appoġġ settorjali disponibbli skont il-Protokoll se jgħin lil Cabo Verde fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd tiegħu, inkluża l-ġlieda kontra s-sajd IUU, filwaqt li jippromwovi l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti matul l-attivitajiet tas-sajd.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-involviment tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Jekk l-UE ma tikkonkludix Protokoll ġdid, il-bastimenti tal-UE ma jkunux jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim attwali fih klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jsirux fi ħdan il-qafas iddefinit minn protokoll tal-Ftehim. Għalhekk hemm valur miżjud ċar ħafna għall-flotta tal-UE ta' distanzi twal. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni u Cabo Verde.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili*

